

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

OPINJONIJIET

KUNSILL

Avviż għall-attenzjoni ta' dawk il-persuni, entitajiet u korpi li kienu inklużi mill-Kunsill fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 423/2007 (Anness V)

(2008/C 159/01)

L-informazzjoni li ġejja tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni, entitajiet jew korpi li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/475/KE tat-23 ta' Ġunju 2008 ⁽¹⁾.

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddetermina li l-persuni, entitajiet u korpi li jidhru fil-lista msemmija hawn fuq jissodisfaw il-kriterji mniżżlin fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 423/2007 ta' 19 April 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ⁽²⁾, u għalhekk huma kienu konsegwentement inklużi, bid-deċiżjoni msemmija hawn fuq, fl-Anness V ta' dak ir-Regolament. Dak ir-Regolament jipprevedi l-iffriżar tal-fondi kollha, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħrajn appartenenti għall-persuni, entitajiet jew korpi kkonċernati u l-ebda fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħrajn ma jistgħu jsiru disponibbli għalihom, kemm direttament jew indirettament.

Tingħied l-attenzjoni tal-persuni, entitajiet jew korpi kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat(i) Membru(i) rilevanti kif indikat fil-websajts fl-Anness III tar-Regolament, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw il-fondi ffriżati għal ħtiġiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament).

Il-persuni, entitajiet jew korpi kkonċernati jistgħu jippreżentaw ukoll talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' appoġġ, li d-deċiżjoni biex jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq għandha tiġi rikonsiderata.

Kwalunkwe tali talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
Rue de la Loi 175
B-1048 Brussell

Tingħied ukoll l-attenzjoni għall-possibbiltà li kull persuna, entità jew korp ikkonċernat li jjsfida d-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 230(4) u (5) tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 163, 24.6.2008.

⁽²⁾ ĠUL 103, 20.4.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 618/2007 (ĠUL 143, 6.6.2007, p. 1).